PROTOKOLL Nru 2

LI JEMENDA T-TRATTAT LI JISTABBILIXXI L-KOMUNITÀ EWROPEA TA' L-ENERGIJA ATOMIKA

IL-PARTIJIET KONTRAENTI GĦOLJA,

FILWAQT LI JFAKKRU l-ħtieġa li d-dispożizzjonijiet tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika għandhom ikomplu jkollhom effett ġuridiku sħiħ;

XEWQANA li jaddattaw dak it-Trattat għar-regoli ġodda stabbiliti mit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari fl-oqsma istituzzjonali u finanzjarji,

FTEHMU dwar id-dispożizzjonijiet li ġejjin, li għandhom jiġu annessi mat-Trattat ta' Lisbona u li jemendaw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika kif ġej:

Artikolu 1

Dan il-Protokoll għandu jemenda t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ it-"Trattat KEEA"), fil-verżjoni tiegħu li jkun fis-seħħ fiż-żmien tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona.

It-tieni subparagrafu ma jikkonċernax il-verżjoni Maltija.

Artikolu 2

L-intestatura tat-Titolu III "Dispożizzjonijiet Istituzzjonali" tat-Trattat KEEA għandha tiġi ssostitwita bi: "Dispożizzjonijiet istituzzjonali u finanzjarji".

Artikolu 3

Il-kapitolu ġdid li ġej għandu jiddaħħal fil-bidu tat-Titolu III tat-Trattat KEEA:

"KAPITOLU 1

APPLIKAZZJONI TA' ĊERTI DISPOŻIZZJONIJIET TAT-TRATTAT DWAR L-UNJONI EWROPEA U TAT-TRATTAT DWAR IL-FUNZJONAMENT TA' L-UNJONI EWROPEA

Artikolu 106a

1. L-Artikolu 7, l-Artikoli 9 sa 9 F, l-Artikolu 48 (2) sa (5), u l-Artikoli 49 u 49 A tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 16 A tat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea, l-Artikoli 190 sa 201b, l-Artikoli 204 sa 211a, l-Artikolu 213 , l-Artikoli 215 sa 236, l-Artikoli 238, 239 u 240, l-Artikoli 241 sa 245, l-Artikoli 246 sa 262, l-Artikoli 268 sa 277, l-Artikoli 279 sa 280 u l-Artikoli 283, 290 u 292 tat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea kif ukoll il-Protokoll dwar id-dispożizzjonijiet transitorji li japplikaw għal dan it-Trattat.

2. Fil-qafas ta' dan it-Trattat, ir-referenzi għall-Unjoni, għat-'Trattat dwar l-Unjoni Ewropea', għat-'Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea' jew għat-'Trattati' fid-dispożizzjonijiet previsti fil-paragrafu 1 u dawk fil-protokolli annessi kemm għall-imsemmija Trattati u ma' dan it-Trattat għandhom jiġu kkunsidrati, rispettivament, bħala referenzi għall-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika u għal dan it-Trattat.

3. Id-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u tat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea m'għandhomx jidderogaw mid-dispożizzjonijiet ta' dan it-Trattat."

Artikolu 4

Il-Kapitoli I, II u III tat-Titolu III tat-Trattat KEEA għandhom isiru II, III u IV.

Artikolu 5

L-Artikolu 3, l-Artikoli 107 sa 132, l-Artikoli 136 sa 143, l-Artikoli 146 sa 156, l-Artikoli 158 sa 163, l-Artikoli 165 sa 170, l-Artikoli 173, 173A u 175, l-Artikoli 177 sa 179a, u l-Artikoli 180b u 181, l-Artikoli 183, 183A, 190 u 204 tat-Trattat KEEA għandhom jiġu revokati.

Artikolu 6

L-intestatura tat-Titolu IV tat-Trattat KEEA "Dispożizzjonijiet Finanzjarji" għandha tiġi ssostitwita bl-intestatura, "Dispożizzjonijiet finanzjarji speċifiċi".

Artikolu 7

1. Fit-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 38 u fit-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 82 tat-Trattat KEEA, ir-referenzi għall-Artikoli 141 u 142 għandhom jiġu ssostitwiti rispettivament b'dawk għall-Artikoli 226 u 227 tat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea.

2. Fl-Artikolu 171(2) u fl-Artikolu 176(3) tat-Trattat KEEA, ir-referenza għall-Artikolu 183 għandha tiġi ssostitwita b'dik għall-Artikolu 279 tat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea.

3. Fl-Artikolu 172(4) tat-Trattat KEEA, ir-referenza għall-Artikolu 177(5) għandha tiġi ssostitwita b'dik għall-Artikolu 272 tat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea.

4. Fit-Trattat KEEA, il-kliem "Qorti tal-Ġustizzja" għandhom jiġu ssostitwiti bil-kliem "Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea".

Artikolu 8

L-Artikolu 191 tat-Trattat KEEA għandu jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 191

Il-Komunità għandha tgawdi fit-territorji ta' l-Istati Membri dawk il-privileġġi u l-immunitajiet li huma meħtieġa għat-twettiq tal-missjoni tagħha, skond il-kondizzjonijiet imsemmija fil-Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet ta' l-Unjoni Ewropea".

Artikolu 9

L-Artikolu 206 tat-Trattat KEEA għandu jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 206

Il-Komunità tista' tikkonkludi ma' Stat wieħed jew iktar jew organizzazzjonijiet internazzjonali ftehim li jistabbilixxu assoċjazzjoni li tinvolvi drittijiet u obbligi reċiproki, azzjoni komuni u proċeduri speċjali.

Dawn il-ftehim għandhom ikunu konklużi mill-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu wara konsultazzjoni mall-Parlament Ewropew.

Fejn tali ftehim jeħtieġu emendi għal dan it-Trattat, dawn l-emendi għandhom l-ewwel ikunu adottati skond il-proċedura prevista fl-Artikolu 48 (2) sa (5) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea."

Artikolu 10

Id-dħul u l-infiq tal-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, bl-eċċezzjoni ta' dawk ta' l-Aġenzija Fornitriċi u l-Impriżi Konġunti, għandhom jiddaħħlu fil-baġit ta' l-Unjoni."